kien xhieda tad-dehra ta' Ġesù liż-żewġ Appostli, imniktîn u sogħbiena biex l-Appostli taż-żmien li ġej jieħdu s-saħħa u l-għafja, li dejjem jeħtieġu, l-aktar f'ħinijiet ta' xogħlijiet tqâl, u jidraw iħossu li l-Imgħallem Divîn ikun ma' ġenbhom f'tul it-triq, biex jixgħel fihom it-twemmîn u jkattar it-tâma, u jwassalhom fit-temma.

Lixandra wkoll għandha Kulleġġ li fih jinġabru s-subien li jħossu rwieħhom imsejħîn għal ħidma t'Alla, fl-Art tal-Fargħûni. Dan, aktar donnu għandu jissejjaħ Pre-Kulleġġ, għax fîh ikûnu magħżula u magħrbûla, l-ewwel is-sejħa, u mbagħad ukoll il-ħîla u l-moħħ tas-subien, għax dan ukoll huwa marbût ħaġa waħda mas-sejħa tagħhom.

Pre-Kulleġġ ieħor huwa dak ukoll li jinsàb f'Harissa, li hija rokna fir-Repubblika ta' Libnân, imqiegħed taħt il-ħarsien tal-Madonna.

Hawn jeħtieġ li tistaqsi l-mistoqsija: "Kif jista' wieħed jgħin il-Kulleġġi, li minnhom joħorġu l-Missjonarji ġodda tat-Terra Santa?" U tingħata t-tweġiba: hemm xorta ta' għajnuna qawwija li tiltaħaq minn kull ħadd, li hija t-talb, magħmûl u maħmûl, biex il-Mulej dejjem iqajjem sejħiet ġodda, bħala żerriegħa, ta' Missjonarji għal quddiem. U hemm wast ieħor: li wieħed jgħarraf li jinsâbu dawn il-Kolleġġi tat-Terra Santa, jew jitkellem ma' mîn, li għal kemm iħoss fih is-sejħa biex isîr Missjonarju, għadu ma jafx kif għandu jagħmel biex jilħaq il-għan tiegħu. Ġesù Kristu, li ħadd daqsu ma jħallas tajjeb lil min jaħdem għalih, iħallas kif jaf hu, lil dawk li jgħinuh isib il-ħassâda biex jaħsdu l-għalqa t'Alla, u hekk jitnaqqas id-diq li jidher fil-kliem Tiegħu, li hu wisq minnu, li: "Il-ħsâd kbir, imma ftit huma l-ħassada!".

FRA STIEFNU XARA O.F.M.

# IZ-ZARBUN TAL-WAZIR

Luqman il-Ħakim kien l-aktar raġel għaref, imweġġaħ u tajjeb ta' żmienu. Għandu kienu jmorru b'qalbhom qawwija dawk kollha li kienu jeħtieġu xi raj, jew parir, jew għajnuna, għax Loqman kien jilqa' bil-ferħa lil kull min kien imur għandu. Kien jisimgħu u jsabbru, u wara li jaħsibha sewwa jagħtih raj, tajjeb u għaref, u jgħidlu x'għandu jagħmel biex jeħles minn dak il-għawġ, ikun, x'ikun, li kellu.

Loqman kien fqir ħafna, imma qatt ma ried jieħu xejn bħala ħlas tal-ġid li kien jagħmel lill-oħrajn. Għalhekk il-fama tiegħu, naqra naqra xterdet, għaddiet l-iġbla u l-ibħra, u waslet f'widnejn is-sultan. Dana meta sama' bih, u għaraf sewwa li dak li kienu jgħidu n-nies fuqu kien minnu, bagħat għalih, ħalli jarah u jkellmu.

Loqman, malli wasal quddiem is-sultan, sellimlu. Is-sultan qegħdu bil-qegħda ħdejh u qallu: "Ara, jien smajt bik u bil-għerf u t-tieba tiegħek, għalhekk sa naħtarek, minn issa, bħala Ważir tiegħi,u nagħtik is-setgħa fuq l-artijiet tiegħi kollha. Il-għerf u t-tieba tiegħek irridek tinqeda bihom biex teqred mis-saltna tiegħi il-ħaxix ħażin li jinsab fiha. Jiġifieri, l-inkejja, il-moħqrija, serq, tnassis u qtil......" għalhekk Loqman mill-ewwel tagħa ruħu għax-xogħol u f'qasir żmien bis-sabar u l-għanid

tiegħu, dik is-saltna, li l-artijiet tagħha kienu infieren, mimlijin b'għammelin id-dnewwa, saru donnhom ġenniet, mimlijin bis-sliema, mħabba u ġid u hena! Għal dan kull ħadd kien iqimu u jiftaħar bih.

Imma l-għira, li hi ż-żerriegħa tal-ħażen kollu, nibtet hemm ukoll, fil-qalb tal-Wozra l-oħra tas-saltna, li bdew jaħsbu u jmaħħu kif kellhom jagħmlu biex iġelldu lil Loqman massultan, ħalli jwaqqgħuh mill-qagħda ta' ħbebija li kellu miegħu, u ma setgħux isibu fuq iex jigżawh. Imma darba waħda, bla ħsieb, dehrihlom li x-xorti kienet magħhom u kellhom fuq iex iġelldu lis-sultan miegħu. Għax lil Loqman, meta dawn il-Wożra kienu jmorru għandu kienu qabduh kemm il-darba jħares lejn xi ħaġa, imgħaxxaq biha, li kellu merfugħa ġewwa kaxxa żgħira, li malli jidħlu huma kien jagħlaqha u jaħbiha!

Għalhekk ftiehmu u marru għand is-sultan, u għamlu ta' bir-ruħhom sogħbenin u qalbhom sewda, u qalulu: "Ja sultan, b'niket kbir u fuq il-qalb kellna niġu għandek illejla u nagħtuk aħbar ħażina, imma jkollna ngħiduhielek, għax jekk ma ngħiduhielekx inkunu nonqsu millqima lilek. Il-Ważir il-kbir tiegħek, Loqman, li inti għoġbok tagħnih b'kull xorta ta' ġid, u għollejtu flogħla maqgħad ta' saltnatek, m'hux talli ma jafulekx dak li għamilt miegħu, talli qiegħed jisraqlek il-ġawhar minn kinżek u jieħdu d-dar u jaħbih għandu. Aħna lkoll qbadnieh kemm il-darba, imgħaxxaq, iħares lejn kaxxa miftuħa, li malli nidħlu għandu aħna, jagħlaqha, u jaħbiha, bil-biża' li narawlu dak li għandu ġewwa fiha!

Is-sultan, li kien jaf tajjeb x'kien irodd Loqman, ma daħħalhiex f'rasu l-biċċa li qalulu fuqu l-Wożra l-oħra. Imma biex jagħlqilhom ħalqhom, għamel ta' bir-ruħu mgħaddab u ftiehem magħhom li dik il-lejla kellu jmur magħhom għandu, ħalli jaqbdu fid-daqqa, u jara f'dik il-kaxxa x'kellu, irid u ma jridx.

Marru s-sultan u l-Wożra, għand Loqman, u tassew sabuħ b'kaxxa żgħira miftuħa quddiemu, iħares lejha b'għaxqa kbira. Malli Loqman lemaħ is-sultan, għalaq bil-ħatfa l-kaxxa u xteħet għarrkubtejh quddiemu: "Qum, qum minn hemm!" għajjat is-sultan. "Iftaħli dik il-kaxxa li kellek quddiemek fuq il-mejda, ħalli naraw naqra x'fiha!"

"Agħdirni, ja sultan; dak li fiha ma jaqbilx li jarawh il-għajnejn mixħurin tiegħek! Nitolbok u nraħħamlek li ma taħxarnix!

"Ejja, ejja!" għajjat is-sultan. "Isa ġib il-kaxxa 'l hawn. Għandek x'għandek fiha irrid nara! "Għalhekk Loqman kellu jagħmel li ried is-sultan u jisma' amru, u ġieb il-kaxxa u fetaħha quddiemu. Is-sultan u l-Wożra ħarsu ġewwa fiha......... u b'għaġeb li ma jinqiesx......... fil-qiegħ tal-kaxxa kien hemm par żarbun qadim, mittiekel u mqatta."

"Loqman, ja Loqman!" qallu s-sultan, dan huwa l-ġawhar tiegħek? Dan huwa l-għana u l-ġid li titgħaxxaq bih kull fil-għaxija?"

"Iwa, ja sultan!" wieġeb Loqman, "dan iż-żarbun imqatta huwa d-deheb u ġawhar tiegħi, għax meta nħares lejh inqabbel ma' xulxin dak li kont qabel u dak li jien issa...... Dan iż-żarbun imqatta' ifakkarni fil-faqar li kont fih meta kont nilbsu, u d-dehra tiegħu timnagħni li nitkabbar bil-għana li jien fih issa!"

Is-sultan ħares ħarsa kerha lejn il-Wożra, li xteħtu għarrkubtejhom

jitolbuh ir-raħma u l-ħniena. Kien hekk-hekk sa jibgħat għas-sejjief u jaqtagħlhom rashom, imma Loqman indaħal jitlob huwa wkoll għalihom. Imma bagħat għall-għasaker u rabtuhom u ħaduhom lejn is-siġen, u lil Loqman għamillu għors kbir u ġiegħel lin-nies kollha tal-belt jiġu, jbusulu idu. Dak inhar Loqman raġa' talab lis-sultan jaħfer lil Wozra l-oħra u l-maħfra qalagħhielhom, u hekk tagħa tiġriba oħra tal-qalb kbira u tajba tiegħu.

P. BONAVENTURA QASSIS O.F.M.

# DAWRA MAL-ART IMQADDSA

(*Jorbot mal-għadd ta' qabel*)

Nhar it-28 ta' Ġunju fil-għodu morna nżûru l-Museum tal-Kajr, fejn hemm miġbûra t-teżôri kollha tal-Eġittu, u meta ngħidu "teżôri" ma nifhmux biss fdalijiet ta' żmien il-qedem, imma deheb, fidda, ġawhar, avorju u xogħol ta' sengħa mill-ifjen; tista' taħseb: f'kull sala l-għâses huma armâti.

– Kien hemm żmien meta wieħed kien isîb xi ħaġa qadîma, prezzjuża u mhix fl-Eġittu, u kien jagħmel biha li jrîd: ibiegħha jew iġorrha miegħu lejn pajjiżu. Issa mhux hekk. Minn mindu twaqqaf il-Museum tal-Kajr, fil-bidu ta' dan is-seklu, kull ma jinstab fl-Eġittu, huwa meqjus ħwejjeġ il-pajjiż u ħadd ma jista' jagħmel bih li jrid, imma għandu jitqiegħed fil-Museum tal-Kajr, biex kull ħadd jista' jara u jistudja l-fdalijiet tal-qedem. U hemm tassew x'târa!

– Hemm għadd bla tarf ta' mummji, iġsma mqaddin, ta' nies mejta eluf ta' snin qabel Kristu. L-Eġizzjani kellhom moħhom dejjem iberren kif sa jgħadduha wara mewthom. Kienu ħolqu l-Pirâmdi; u biex jikkonservaw żgur lilhom infushom kienu jibbalzmaw il-katâvri b'mod li ħafna minnhom għadhom jingħarfu sallum. Il-klima niexfa tal-Eġittu għenet ħafna biex il-fdalijiet tal-imgħoddi żammew sħiħ. Insâbu eluf taleluf ta' manuskritti, parċimina jew papîri, jiġifieri dik il-karta li kienu jagħmlu billi jwaħħlu flimkien il-qxûr tal-qasab li jikber fuq xtut in-Nil, omm l-Eġittu.

F'dan il-Museum issib kollox. L-Eġittu tal-qedem jinfetaħ quddiemek, bħalli kieku qiegħed tgħîx fiż-żmenijiet imbegħda meta l-Fargħûn kien iwerwer lil kulħadd b'qawwietu, setgħetu, u ġîdu. Iżda b'inkejja ta' dal-ġîd kollu, għalîna, li moħħna u qalbna qegħdin fil-Kelma t'Alla miktûba, kien hemm teżori oħra bil-wisq akbar u ogħna minn dan kollu: rajna l-istela ta' Mernefta il-Fargħûn li rażżan l-egħdewwa tiegħu kollha, fosthom lill-Israël. Fiha nsîbu għall-ewwel darba l-isem tal-poplu ta' Israël imniżżel fuq monument Eġizzjan, li jfakkar ir-rebħiet tal-Fargħûn fuq il-popli tal-Palestîna. Hawn ukoll jinsâbu l-ittri ta' Tell-El-Amarna; dawn kienu ittri miktûba fuq it-twavel jew madûm tat-tafal, mibgħûta mis-slâten iżżgħar tal-Palestîna lill Fargħûn Ikhnaton (1375-1358 qabel Kristu), biex jaqbeż għalihom fil-ħafna tixwîx kontra xulxîn, inkella jitolbuh l-għajnûna kontra poplu li kien sa